9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 49**

**It-Tnejn, 4 t' April 2022**

Il-Laqgħa numru 49 saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill fl-14 t'April 2022 fis-5:30 ta'filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

**49.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

Is-Sindku informa lill-membri li kien hemm żewġ ittri t'apoloġiji.

F'dan il-mument is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera awgura lil Dott. Carabott għall-ħatra tiegħu bħala Membru Parlamentari.

**49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.**

**49.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Minuti tas-46 laqgħa ġew approvati unanimament wara li saru l-korrezzjonijiet.

**49.2.2 Korrezzjonijiet**

**49.2.2.1** - Minuta 46.5.3 - tiżdied il-kelma "Deputat" quddiem il-kelma "Segretarju".
**49.2.2.2** - Minuta 46.5.4 - tiżdied il-frażi "Socjeta Filarmonika minflok "tal-Kumitat tal-Banda".
**49.2.2.3** - Minuta 46.5.6 - titneħħa l-kelma "napplikaw".
**49.2.2.4** – Minuta 46.5.10 – tiżdied il-kelma "playground" minflok il-kelma "ġnien".
**49.2.2.5** - Minuta 46.6.3 - minflokk "2020" issir "2021".

**49.3 Punti mqajjma mill-minuti**

**49.3.1** Minuta 46.3.1 – Is-Sindku informa lill-membri li rigward il-lezzjonijiet taz-Zumba bdew, iżda saret taħrika l-Qorti minħabba li allegatament ġie rappurtat li qed ikun hemm storbju eċċessiv.

**49.3.2** Minuta 46.3.2 - Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti feedback fuq l-applikazzjonijiet li l-Kunsill irċieva għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li applikazzjoni waħda biss kienet elegibbli skont rekwiżiti meħtieġa. Is-Sindku rrimarka li din l-istess applikazzjoni għandha tiġi għal attenzjoni tad-Dipartiment sabiex jikkonfermaw dan.

**49.3.3** Minuta 46.5.10 – Rigward il-*playground* ta' Ġuże Flores, is-Sindku ikkomunika mal-Membri li kienu nġiebu tlett kwotazzjonijiet minħabba li tapit irid jinqala' kollu peress li qiegħed fi stat ħażin. Wara li ġew evalwati l-kwotazzjonijiet u minhabba l-urgenza sabiex ix-xogħol isir fl-immedjat il-Kunsill qabel sabiex jinġiebu kwotazzjonijiet serparati fuq qlugħ tat-tapit, rimi tat-tapit il-ħażin u twaħħil tat-tapit il-ġdid.

**49.3.4.** Minuta 46.6.2 – Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jinforma lis-Sur George Debono sabiex tiskatta d-diskussjoni mal-għaqdiet li urew ix-xewqa li jsir dan it-tibdil.

**49.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

F'din il-laqgħa ma kienx hemm komunikazzjoni mis-Sindku.

**49.5 Rapporti / Korrispondenza**

**49.5.1** Is-Sindku informa li kien hemm talba mingħand Raptroz Athletics sabiex il-Kunsill jagħt no objection għaliex il-Ħadd 22 ta' Mejju 2022 ser tkun organizzata s-sitt edizzjoni tal-Fastest5 road race.

Il-Membri qablu unanimament.

**49.5.2** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill ircieva ittra legali mill-Qorti fejn il-Kunsill qed jigi mitlub sabiex ihallas is-somma ta'€465.77 għall-incident li seħħ bejn id-19 u l-20 t'April 2030 fi Triq il-Kbira San Ġużepp meta allegatament waqgħet tabella u kkaġunat danni fuq vettura privata.

Wara diskussjoni, il-Membri qablu unanimament sabiex il-Kunsill iħallas l-ammont dovut.

**49.5.3** Is-Sindku informa lill-membri li l-Gvern reġa' ħareġ l-iskema tar-restawr u għaldaqstant il-Kunsill jista' japplika sabiex issir restawr fuq bini storiku. Wara diskusskoni fuq liema ikona f'Santa Venara li l-kunsill jista' japplika biex isir restawr fuqha, il-Kunsill ħass li għal din is-sena issir applikazzjoni sabiex isir restawr fuq it-Turretta biswit l-akkwadott.

Il-Membri qablu unanimament

**49.5.4.** Il-Kunsill ircieva korrispondenza minghand l-Scouts ta' Santa Venera fejn dawn qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill fuq proġett *Messenger of Peace* fejn tfal ta' bejn is-7 u l-10 snin ikunu jistgħu jikkontribwixxu lejn il-lokalita fuq medda ta' tmien ġimgħat u tingħata għajnuna lill-lokalita'.

Il-membri qablu unanimament

**49.5.5.** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill li saret laqgħa mal-Awtorita' tad-Djar fejn il-Kunsill kien infurmat dwar id-development fund li dan il-fond akkumla fih l-ammont ta' €380k. Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex b'dan il-fond jiskatta il-proċess taċ-Ċentru Ċiviku biswit l-art li hemm hdejn il-bini tal-Kunsill attwali fejn jinbena *basement* u l-ewwel sular.

Is-Sindku rrimarka li l-Klabb tal-Boċċi applika sbaiex minn dan il-fond jingħata madwar fi €8k sabiex issir *canopy*. Wara diskussjoni din it-talba ġiet aċċetta sabiex issir konġunta mal-istess Kunsill Lokali li iżda issir skrittura bl-avukat peress li l-proċess tal-kwotazzjonijiet ħadu ħsiebhom il-klabb iniffsu.

Il-membri qablu unanimament

**49.5.6** Is-Sindku nfroma lill-membri li l-attivita li kella issir tal-Boxing fi Triq il-Kbira San Ġusepp tinvolvi spejjeż kbar u ghaldaqstant is-Sindku ssuġġerixxa sabiex din issir mill-Kunsill. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex tinġab aktar informazzjoni.

**49.5.7** Is-Sindku informa lill-membri li l-ħadid ta' madwar is-Salib tlesta u ġie inawgurat. Is-Sindku ippropona sabiex issa jinġiebu kwotazzjonijiet sabiex isiru 4 brazzi biex fihom jitpoġġew ix-xemgħat.

Il-Membri qablu unanimament.

**49.5.8.** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ser jaghmel attivita' marbuta ma' l-Għid il-Kbir "Easter Egg Hunt" fi Ġnien Romeo Romano nhar it-Tnejn 18 t'April 2021. Huwa talab lis-Sur Kursten Dimech sabiex jikkomunika mall-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jingiebu l-kwotazzjonijiet u jkunu ordnati l-affarijiet meħtieġa.

Il-membri qablu unanimament.

## 49.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 49.6.1 Arkivista

Is-Sindku ssuġġerixxa lill-membri tal-Kunsill li wasal iż-żmien sabiex il-Kunsill jinvesti fuq Arkivista sabiex dan ikun jista' jagħmel ricerka fuq din il-lokalita'. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex il-Kunsill igib kwotazzjonijiet għal persuna li tista tiddedika sa massimu ta' 20 siegħa fix-xahar u ir-rata tkun fis-siegħa.

### 49.6.2 Karnival Spontanju f'Santa Venera

Is-Sindku informa lill-membri dwar il-Karnival li ser isir għal nofs Mejju. F'dan ir-rigward huwa qal li tista' isir attivita' fuq jumejn it-13 u l-14 ta' Mejju f'Misraħ Santa Venera jew Misraħ il-Kebbies. Fejn il-Gimgħa ssir il-Kukkanja u is-sibt ikun hemm Samba band, żfin u karozzi dekorattivi. Din l-attivita' fuq jumejn tigi tiswa lill-Kunsill €9k. Saret diskussjoni u l-membri tal-Kunsill kienu aktar tal-fehma li din ssir fuq ġurnata milli fuq jumejn. Is-Sindku rrimarka li ser jitkellem mal-għaqdiet infromalment u fil-laqgħa li jmiss jingħata aktar dettall.

## 49.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

**49.7.1** L-Iskeda tal-pagamenti u Petty Cash ġew diskussa u approvati.

Skeda ta' pagamenti u Petty cash: Proponent: Is-Sur Silvio Vella u Sekondant: Is-Sur Kursten Dimech

## 49.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx ippreżentati rapporti tal-laqgħat ta' kumitati jew sotto kumitati.

## 49.9 Ilmenti

**49.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti segwenti:

| | |
|---|---|
| 197 | Contract Manager |
| 199 | No Right Turn għal Trejqa tal-Ferrovija - B. Grima & Sons |
| 201 | Logografix |
| 204 | B. Grima & Sons |
| 205 | Ħaddiema Assenjati |
| 209 | Logografix |
| 210 | Hemmhekk xhieda hemm bżonn apparti CCTV |
| 215 | Transport Malta |
| 216 | Contract Manager |
| 217 | Hemmhekk diġa tlabna għal waħda ħdejn l-FSWS imma għadna bla feedback |
| 219 | Tinħareġ Works Order |
| 221 | Contract Manager |
| 223 | B. Grima & Sons |

| | |
|---|---|
| 224 | Hemm spiża konsiderevoli apparti li trid tingħalaq it-triq. Tinġieb stima għal dan ix-xogħol |
| 228 | B. Grima & Sons |
| 238 | B. Grima & Sons |
| 239 | Riferita lil Mario Colero għal aktar tagħrif |
| 253 | Xogħol sar |
| 258 | Isir pole bit-tabella li jindika MC Bay |
| 260 | Issir hekk kif joħroġ il-kuntratt |
| 261 | Ħaddiema Assenjati |

**49.9.2** Kien hemm ukoll qbil fuq rakkomandazzjonijiet tal-*Contracts Manager* fuq ilmenti 97 u 188, iżda ma kienx hemm qbil fuq ilment numru 169.

## 49.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fl-7.45 pm u ġiet aġġornata għall-5 ta' Mejju 2022, fil-5.30pm

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv